Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 134/2016

Il-Pulizja

Spettur T. Micallef

Spettur N. Sant

Vs

**Stephen Catania**

Bernard Briffa

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Catania detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 180869 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'San Giljan fl-14 ta' Frar, 2010 ghal habta tal-04.30am:-

1. Dolozament bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe', omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Luca Di Mauro u Ricardo Miano, jew li jqieghdu l-hajja taghhom f'periklu car, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esukuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom;

2. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Luca Di Mauro u Ricardo Miano f'periklu car ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha taghhom jew gabulhom dizordni f'mohhhom, liema offizi gravi kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;

3. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl, volontarjament kissru l-bon ordni jew il-paci pubblika, b'ghajjat u bil-glied;

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel hadmu jew kienu mpjegati bhala gwardjani privati minghajr licenzja ta' l-awtorita' konpetenti.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. 41(1)(a), 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 214 u 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
4. 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Marzu, 2016, fejn il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni inkluz in-natura tar-reati li taghom qed jinstabu hatja u l-fedina penali ta' kull wiehed mill-imputati.

Illi inoltre hadet in konsiderazzjoni l-artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li f'kaz ta' griehi ta' natura gravi fit-termini ta'l-artikolu 216 l-piena ghandha tkun ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma sabetx lill-imputati hatja ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom u illiberatom minnhom, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom u ikkundannathom xahrejn prigunerija ghat-tieni u ghat-tielet imputazzjoni u multa ta' elf Euro (€1,000) ghar-raba imputazzjoni. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil kull wiehed mill-imputati biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' €147.45 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'esperti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Stephen Catania, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tas-7 ta' Marzu 2016, u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tal-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha l-ohra, u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena; alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata tas-7 ta' Marzu 2016, u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tal-ewwel imputazzjoni, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, u tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tvarja l-piena inflitta ta' xahrejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal piena taht l-artikolu 28A tal-Kap. 9 jew taht l-istess Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u sussidjarjament, tnaqqas il-piena ta' xahrejn prigunerija ghal wahda li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Stephen Catania huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

**1. L-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi peress li ma setghetx tkun konvinta fil-grad rikjest mil-ligi li l-appellant kien wiehed mill-aggressuri**

Huwa fatt li fid-data mertu ta' din il-kawza nqalghet glieda, u mhux "*glieda accidentali*". Dan johrog evidenti mill-provi migjuba.

Madankollu, mhuwiex minnu u lanqas ma gie pprovat li l-appellant kien involut f'din il-glieda. Anqas u anqas ma gie pprovat fil-grad tal-probabbli (wisq anqas f'dak ta' *beyond reasonable doubt* kif jitolbu proceduri penali) li l-appellant ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Miano u/jew Di Mauro.

i) Nuqqas tal-ahjar prova - ksur tal-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Mix-xhieda moghtija mill-ispettur Nikolai Sant jirrizulta li l-allegati vittmi nstabu fl-entratura tal-Hugo's Restaurant. Dan jikkonfermah ukoll PS 69 Jesmond Cremona, li kien l-ewwel pulizija li mar fuq il-post tal-incident[1]. L-ispettur Sant jikkonferma wkoll li kien hemm xhud li rat l-incident *a tempo vergine*. L-ispettur Sant jikkonferma li l-imsemmija xhud okulari kienet ta' nazzjonalita' Skocciza u li kienet qalet lill-pulizija li rat *security officers* hergin minn Steam li sawwtu lil xi guvintur. Anke fil-PIRS report[2] jirrizulta li l-imsemmija Nicky McDougall stqarret mal-pulizija li hi kienet gewwa l-istabbiliment Steam u kien minn hemmhekk li hargu s-security ghal barra tant li laqtuha jew imbuttawha huma u hergin. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li sussegwentement McDougall harget barra l-iSteam u rat lill-istess securities tal-iSteam isawwtu lil xi guvintur.

Anke in kontroezami, l-Ispettur Sant jikkonferma li skond ix-xhud McDougall, li kienet bla dubju l-ahjar prova ghas-sejbien u determinazzjoni tal-verita', in-nies li

[1] Fol. 70
[2] Fol. 7 u 77

aggredew lill-allegati vittmi kienu hargu mill-istabbiliment Steam[3]. Tajjeb jinghad minn issa li ma jirrizultax (u fil-fatt mhuwiex minnu) li l-appellant kien jinsab, f'xi hin, fl-istabbiliment Steam.

Skond l-Ispettur Trevor Micallef, ghalkemm fil-mument tal-incident fl-2010 il-pulizija kellha l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex tiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji ghall-preservazzjoni tax-xhieda ta' McDougall, hadd ma pprova jikkuntattja lill-istess McDougall u lanqas ma giet informata biha l-Magistrat Inkwirenti.[4] L-Ispettur Micallef sahsitra jammetti li ghal dan in-nuqqas ma kien hemm ebda raguni partikolari.

Ghaldaqstant, hawnhekk il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci l-ahjar prova li setghet tipproduci f'dawn il-proceduri. Dan imur kontra d-dispost tal-**art. 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bis-sahha tal-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali.

Kieku l-pulizija hadet il-mizuri sabiex tipprezerva u tipprotegi d-deposizzjoni tax-xhud McDougall, hi wkoll setghet tigi mitluba tidentifika l-aggressuri u tispjega l-akkadut kif ratu jsehh verament u mhux ihallu f'idejn l-allegati *parte civile*, wara lejl ta' konsum ta' xorb fl-istabbilimenti ta' Paceville, u waqt li allegatament qed jigu aggrediti. Minflok pero', il-pulizija ghogobha tistrieh fuq xhieda inkonsistenti, konfliggenti u konfuzjonarja tal-allegati vittmi: l-istess persuni li skond ic-certifikati medici rilaxxati, **kienu t-tnejn severament intossikati fil-mument tal-incident**.

ii) Pluralita' ta' aggressuri

F'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fix-xhieda tieghu l-Ispettur Sant jghid ukoll li McDougall ikkonfermat mal-pulizija li kien hemm diversi nies li kienu qed jaggredixxu lill-allegati vittmi[5]. Dan il-fatt johrog mill-*footages* ezebiti in atti, izda anke mill-PIRS report fejn jinghad li "*it was established that more than two persons were seen hitting and kicking same victims*"[6].

[3] Fol. 48
[4] Ara xhieda tal-25 ta' Frar 2013
[5] Fol. 49
[6] Fol. 77

Minkejja dan kollu pero', il-pulizija xorta wahda arbitrarjament mexxiet unikament fil-konfront tal-appellant u tal-akkuzat l-iehor Briffa. Jidher ghalhekk li r-raguni kienet biss il-fatt li l-allegati vittmi identifikaw lill-appellant u lill-imputat l-iehor Briffa fl-ID Parades li saru. Dan minkejja li l-Ispettur Micallef in kontroezami jikkonferma wkoll li McDougall kienet qalet li rat l-incident isehh u li kienu "*l-bouncers ta' l-iSteam li kienu involuti fil-glieda*".[7]

L-Ispettur Sant jghid li dakinhar tal-incident kienu hadu d-dettalji ta' Neville Agius, Michael Mangion, Mario Farrugia, Keith Galea, Raymond Keeling, Alan Saidon, Bernard Briffa, l-appellant Stephen Catania u Stephen Bonsfield, disgha min-nies b'kollox.[8] Ikompli jghid li mis-CCTV *footages* kollha ezebiti mill-prosekuzzjoni, ghalkemm ma jistax jigi identifikat xi aggressur, "*deher ...grupp ta' aggressuri jaghtu daqqiet bil-ponn lejn dawn il-vittmi*"[9]. Fil-fatt gew arrestati wkoll Diego Micallef u Marco Bonnici "*wara li l-pulizija kienet gabet informazzjoni diskreta li setghu kienu nvoluti wkoll*"[10]. Madankollu, tressqu biss l-appellant u l-imputat l-iehor Bernard Briffa.

Fix-xhieda tieghu l-Ispettur Sant ma jispjegax a bazi ta' xhiex l-investigazzjoni kienet tinkludi biss *securities* tal-istabbilimenti. Minkejja li l-pulizija kienet konxja li kien hemm hafna aktar nies fil-post, kemm impjegati, kif ukoll nies li kienu qed jiffrekwentaw l-istabbilment, il-pulizija mexxew unikament kontra is-*securities*. Anke s-Surgent PS 69, li kien l-ewwel pulizija fuq il-post, jghid li meta l-persuna femminili ta' nazzjonalita' Skocciza qaltlu li l-aggressuri rathom tilghin minn Steam, huwa baghat xi pulizija biex jiehdu d-dettalji taghhom. Hu jghid li d-dettalji li ttiehdu kienu tas-securities biss u mhux tal-istaff kollu, wisq anqas ta' xi pajzana[11]. Anke l-Ispettur Sant jghid li " *ahna s-securities qbadna, mas-securities. L-istaff ma kellimniehx*".[12] Raguni l-ghaliex sar hekk pero', ix-xhud ma jaghtix.

F'dak il-punt pero' l-pulizija kellha f'idejha bizzejjed informazzjoni li turi li l-glieda kienet tinvolvi diversi nies, b'suspett ragjonevoli li kien hemm involviment ta' xi

[7] Ara xhieda tal-25 ta' Frar 2013
[8] Fol. 41
[9] Fol. 42
[10] Fol. 43
[11] Fol. 71
[12] Fol. 54

*securities* li hargu mill-istabbiliment Steam u ta' xi Maltin pajzana, hekk kif stqarr ukoll l-appellant. Madankollu, il-pulizija xorta ghogobhom imexxu kontra l-appellant fejn l-unika persuni li identifikawh bhala allegat aggressur kienu l-vittmi: tnejn min-nies li fil-mument tal-incident kienu serjament intossikati, u li kienu ghadhom kemm raw lill-imputat Briffa jeskortahom 'il barra mill-istabbiliment, u l-appellant isegwieh. Fil-fatt, kemm Miano kif ukoll Di Mauro jaghtu verzjonijiet ghal kollox inkonsistenti fid-deposizzjonijiet taghhom, anke f'dawk quddiem il-Magistrat Inkwerenti.

Fil-kors tal-investigazzjoni l-pulizija kellha f'idejha wkoll zewg stqarrijiet rilaxxati mill-appellant fejn hu stess spjega li kellhom johorgu lil xi Taljani mill-istabbilment ghax kienu fis-sakra u kienu qed idejqu lin-nies. L-appellant bla tlaqliq jikkonferma li n-nies li eskorta l-imputat l-iehor Briffa 'il barra minn isfel kienu fil-fatt Taljani u li dan ghamlu Briffa minhabba ilmenti minn xi Maltin li kienu qed ikunu aggressivi.[13] Dan il-punt l-appellant jispjegah u jghid li hu kien intebah li kienu Taljani kemm fuq dak li kienu qalulu l-Maltin li lmentaw dwarhom, kif ukoll ghax hu ma jafx jitkellem bit-Taljan.[14] F'kull kaz, fis-16 ta' Frar 2010, u cioe' dakinhar tat-tieni stqarrija rilaxxata mill-appellant, il-pulizija kellha informazzjoni li kien hemm numru ta' pajzana Maltin involuti fil-glieda. L-appellant jichad kategorikament li hu qatt mess lil xi Taljani wisq anqas kaxkarahom quddiem Hugo's jew tahom bis-sieq[15].

Anke l-imputat l-iehor Bernard Briffa, mistoqsi jekk l-appellant "*hu wiehed minn dawk li kien mieghek u li ha sehem mieghek f'dan l-incident*", b'mod spontaneju, iwiegeb li "*Stephen kemm hargu 'l barra jekk kien l-istess wiehed*"[16].

Il-verzjoni moghtija konsistentement mill-appellant hija ferm u ferm aktar verosimili minn dik sensazzjonalizzata mill-allegati vittmi.

Huwa fatt li Riccard Maino u Luca Di Mauro sfaw vittmi ta' glieda, u mhux "*glieda incidentali*". Huwa fatt ukoll li l-appellant kien dak li talabhom johorgu 'l barra u li inizjalment, flimkien mal-imputat Bernard Briffa, beda jeskortahom 'il barra.

---

[13] Fol. 15
[14] Ara xhieda tal-appellant tat-3 ta' Frar 2014
[15] Fol. 12
[16] Ara t-tieni stqarrija ta' Briffa a. fol 18

Madankollu, ma hemm ebda prova li tidentifika lill-appellant bhala wiehed mill-aggressuri. Huwa kien sahansitra onest bizzejjed li qal li kien xejjer idejh u ddefenda ruhu minn xi persuna Maltija ghax hebbet ghalih. L-assjem tal-provi fil-fatt jindikaw biss li kien hemm numru kbir ta' persuni involuti fil-glieda, li xhud okulari, a tempo vergine indikat lill-aggressuri bhala *bouncers* tal-iSteam u li l-pulizija, minkejja dan kollu, xorta wahda ressqu lill-appellant.

Dan kollu jixhed dawl fuq il-fatt li l-appellant ma kienx involut fl-istess incident. F'kull kaz, u minghajr pregudizzju, l-istess johloq dubji serjissimi dwar l-identita' tal-aggressur u n-ness bejn l-akkadut u l-appellant Catania.

<u>iii) Il-prova tas-CCTVs</u>

<u>L-appellant jissottometti li fis-*CCTV footages* kollha ezebiti mill-prosekuzzjoni huwa ma jidher qatt</u>.

Fl-ebda wiehed mill-*footages* ma jidher l-appellant, anke peress il-filmati huma ghal kollox irrikonoxxibbli. Dan jidher car anke mill-istills prodotti minn PS 516 Alfio Borg[17]. Fix-xhieda tieghu l-Ispettur Trevor Micallef jghid ukoll li mill-footages ma jidher xejn: mill-*footage* mehud mill-istabbiliment *Havana* jidher biss "*wiehed mill-vittmi jintrema' 'l barra minn gol-club u diversi nies iduru mieghu pero' ma jidher xejn car min kienu dawn il-persuni*"[18]. Jghid ukoll li l-ghada hu u l-Ispettur Nikolai Sant marru ghand il-*Guard & Wardens* biex jaraw filmat iehor izda anke hawnhekk "*ghalkemm dehret ftit sekond tal-incident ma deher xejn daqshekk car ta' min kienu dawn il-persuni*"[19]. PC 1130 Bjorn Sammut ukoll jikkonferma li "*ma stajna naghrfu lil hadd mill-video ghax kollox mid-dahar 'l isfel gie jidher*"[20].

Ghalhekk, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tghid li hija setghet tidentifika lill-appellant bhala aggressur minn din il-prova.

F'mument minnhom il-prosekuzzjoni tittenta tghid li l-aggressuri jistghu jigu identifikati mill-istatura jew mill-ghamla ta' gisimhom peress li l-wicc ma jidhirx.

---

[17] Ara fol. 238 *et sequitur*
[18] Fol. 97
[19] *Ibid.*
[20] Fol. 101

F'kull kaz, u dan assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, ragunament bhal dan ma jista' qatt jittiehed bhala wiehed sufficjenti fi proceduri penali fejn il-grad tal-prova huwa wiehed qrib il-prova assoluta. F'dan l-istadju, l-Ewwel Qorti kellha bizzejjed informazzjoni f'idejha minn fejn jirrizulta li kien hemm diversi *bouncers* ta' Steam li kienu involtu fil-glieda u li l-istatura taghhom necessarjament tista' tvarja. Ghaldaqstant, l-istatura ta' persuna zgur li mhijiex fattur li wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-aggressur.

iv) Il-vittmi ma setghux jidentifikaw lill-appellant bhala aggressur u l-ID Parades kif saru ma jammontawx ghal prova soddisfacenti fil-kamp penali:

Il-vittmi Miano u Di Mauro zbaljaw meta identifikaw lill-appellant bhala wiehed mill-aggressuri u l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta strahet fuq din l-identifikazzjoni sabiex waslet ghas-sejbien ta' htija.

Mill-fatti kollha li jirrizultaw huwa ferm aktar verosimili li l-vittmi semplicement irrikonoxxew l-appellant minhabba li kien affaccjahom biex talabhom johorgu mill-Clique.

Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li l-**artikolu 648 tal-Kodici Kriminali** ma jghidx wisq dwar l-identifikazzjoni ta' persuna minn fost persuni ohra:

*Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li ghandha tigi maghrufa ..., mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja.*

Fl-Appell Kriminali deciz fis-16 ta' Lulju 1998 l-Imhallef DeGaetano fis-sentenza **Pulizija vs Stephen Zammit** jghid "*il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti l-unika dispozizzjoni tal-ligi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'hinu mehtieg.*" Proprju ghalhekk, fl-istess decizjoni il-Qorti tal-Appell taghmel ampja referenza ghall-kaz klassiku fl-Ingilterra ta' **Turnbull** fejn il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk:

*First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, <u>the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications</u>.*[21] *In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witness can all be mistaken. Provided that is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light ? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?...*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, l-appellant jissottometti umilment li din il-Qorti ghandha tikkunsidra s-severita' tal-kontradizzjonijiet u inkonsistenzi fil-verzjonijiet tal-allegati vittmi, oltre l-fatt li kienu serjament intossikati, il-fatt li l-verzjonijiet taghhom inbidlu minn l-ghada tal-incident ghall-gurnata li xehedu, il-fatt li l-appellant kien strangier ghalihom u qatt ma ltaqaw mieghu qabel, il-fatt li huma assocjaw wiccu mal-mument li kien talabhom johorgu 'l barra mill-istabbiliment, u l-fatt li kien hemm numru kbir ta' persuni, kemm fl-istabbiliment, kif ukoll fl-involviment tal-glieda. Mhuwiex verosimili li bniedem li jara persuna ghal ftit sekondi, fi stat ta' sakra qawwija, f'mument ta' konfuzjoni, bhal kif kienu l-allegati

[21] enfasi tal-appellant

vittmi, u jkun kapaci jidentifika lil dik il-persuna. Fil-fatt, sfortunatament, ir-rizultat kien proprju dak li spicca tressaq l-appellant meta lanqas biss jirrizulta li kien involut fil-glieda mal-istess Miano u Di Mauro.

Di piu' u bla pregudizzju ghas-suespost in-nies illi tpoggew flimkien mal-akkuzat fl-ID Parades li saru kienu kollha ufficcjali tal-Pulizija. Mhux hekk biss, izda kif jidher car mir-ritratti ezebiti, l-istess pulizija kienu ta' kull xorta u daqs minghajr ma kien hemm xi konsistenza fl-ghamla taghhom kif titlob il-prassi u kif dejjem irrimarkaw il-Qrati taghna.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill- Onor Imhallfin Filletti, Camilleri u Scicluna fil-kawza r-**Repubblika ta' Malta vs Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb** (NRU 1/1998, deciza fit-2 ta' Gunju 2005) tittratta proprju l-identification parade. L-istess Qorti tghid li "*dan il-punt gie trattat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) per W. Harding fil-kawza 'Il-Pulizija vs Leading Steward Victor Dalmas' deciza fit-13 ta' Mejju 1961... Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involotrjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rakkomandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'l-identifikazzjoni simili, meta jkun mehtieg, jingabru xi persuni, piu' o meno tal-istess eta' u klassi socjali tad-detenut, li jista' jiehu post fejn irid fosthom.*"

F'dan il-kaz, il-principji enuncjati mill-Qrati taghna dwar l-identification parade ma gewx segwiti fil-kors tal-investigazzjoni. Konsegwentement l-appellant jissottometti umilment li din il-procedura m'ghandha jkollha ebda piz probatorju ghall-finijiet ta' din il-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-appellant jissottometti umilment illi ma ngibitx prova tal-identifikazzjoni sufficjenti u f'kull kaz, minn imkien ma jirrizulta li huwa kien involut fl-allegata aggressjoni tal-vittmi. Ghal din ir-raguni biss, l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli tilliberah mit-tieni imputazzjoni kif dedotta kontrih u minn kull htija fir-rigward.

**2. L-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi peress li hemm nuqqas kbir ta' kredibilita' tal-verzjoni tal-allegati vittmi**

Kif gja' nghad u a skans ta' repetizzjoni, il-prosekuzzjoni stess gabet provi li x-xhud okulari (li l-istess prosekuzzjoni naqset milli tipproduciha) ikkonfermat li l-aggressuri kienu numru ta' *bouncers* li hargu mill-istabbiliment Steam. Inoltre, mill-assjem tal-provi johrog car ukoll, li qabel il-glieda, iz-zewg Taljani Miano u Di Mauro kienu fl-istabbiliment Clique u li l-appellant flimkien mal-imputat l-iehor Bernard Briffa eskortawhom 'il barra peress li kienu f'sakra kbira u kienu qed joholqu l-inkwiet ma' xi Maltin. Minn hemmhekk 'il quddiem, minn imkien ma jirrizulta li l-appellant Catania kien involut fil-glieda. L-unika persuni li jsemmuh kienu proprju l-istess zewg Taljani.

Madankollu l-appellant jissottometti li din il-Qorti ghandha tqis il-verzjonijiet taghhom bhala mhux kredibbli u inveritieri, mhux biss peress li l-istess Miano u Di Mauro kienu serjament xurbana, izda anke fid-dawl li l-verzjonijiet taghhom huma aflitti minn inkonsistenzi kbar.

L-Ewwel Qorti zbaljat meta qieset li l-verzjonijiet tal-allegati vittmi "*jikkoroboraw lil xulxin pero' hemm xi divergenzi zghar*".[22]

Dwar l-intossikazzjoni tal-allegati vittmi, huma jistqarru fix-xhieda taghhom li kienu hadu biss zewg *drinks* u li ma kinux fis-sakra. Mill-ezami mediku taghhom pero' jirrizulta li l-vittmi ghal darb'ohra regghu ma qalux is-sewwa. Fil-*Patient registration form* ta' Di Luca jinghad testwalment "*Pt drank a lot of alcohol*" izda li sahansitra "*does not recall amount*".[23] Dwar Miano imbaghad jinghad li huwa kien "*Heavily intoxicated with alcohol*"[24]. Ghaldaqstant, anke dan il-fatt ghandu jservi ta' indikatur car tan-nuqqas ta' kredibilita' tal-allegati vittmi meta jghidu li l-appellant Catania kien wiehed mill-aggressuri.

Fil-fatt, huwa minnu l-allegati vittmi gew mitluba johorgu mill-Clique ghall-habta ta' 3:45am (u dan ghalkemm l-imputazzjonijiet kif dedotti, jindikaw il-hin bhala 4:30am.) Ix-xhud Riccardo Miano jghid li l-persuna li talbitu johrog kien l-appellant

[22] p. 8 tas-sentenza appellata
[23] Fol. 294
[24] Fol. 321

Stephen Catania, haga li jikkonfermaha l-appellant stess. Miano jkompli jghid li hu beda hiereg u li l-appellant Catania "*Ci ha accompagniato verso fuori*"[25].

Huwa evidenti f'dan il-punt li l-appellant, kif jikkonferma hu stess fix-xhieda tieghu u fl-istqarrija tieghu, kien semplicement qed jiehu hsieb li ma jinqalghux problemi fl-istabbiliment. L-allegati vittmi wkoll ma jghidu xejn dwar xi kommozzjoni jew aggressjoni f'dan il-punt fejn gew mitluba johorgu. L-istess xhud ikompli jghid li siehbu Luca Di Mauro mar igib il-gakketta u hareg barra. Wara li hareg barra, skond ix-xhud Miano, wiehed mill-*bouncers* gie warajh u tah daqqa fuq il-wara ta' ghonqu. Hawnhekk pero', l-appellant Catania jghid li hu kien baqa' isfel jikkalma lil xi Maltin. Huwa repetutament cahad li ta daqqa f'ghonq it-Taljan li kien talbu johrog 'il barra.

Fil-fatt, b'onesta', huwa kien sahansitra qal li l-unika mument li kien kostrett jirreagixxi kien fil-konfront ta' wiehed mill-Maltin u dan ghamlu biss biex jiddefendi ruhu wara li aggredieh hu. F'kull kaz, il-verzjoni ta' Miano hija ghal kollox inkredibbli u ma titwemminx. Il-Qorti stess tinnota l-inkonsistenzi gravissimi tax-xhud Miano meta l-ewwel jghid li mad-daqqa f'ghonqu ntilef minn sensieh izda meta kien ma' l-art ra lill-appellant u lill-imputat l-iehor Briffa jaghtuh bis-sieq. Ftit wara pero' jerga jghid li gie f'sensieh biss l-isptar[26]. Fuq domanda tal-Qorti stess sabiex jiccara din l-inkonsistenza, Miano jerga' jghid li meta kien il-Clique, huwa ma kienx f'sensieh.[27] Ghal dan kollu, l-Ewwel Qorti tghid biss li dawn huma "*divergenzi zghar*". B'kull dovut rispett, l-Ewwel Qorti zbaljat meta ma qisitx dawn l-inkonsistenzi kbar favur l-appellant.

Kurjozament, fl-atti tal-inkjesti Miano kellu verzjoni differenti: Ghalkemm huwa jghid li l-*bouncer*, bhallikieku ghal xejn b'xejn, tah daqqa daqqa f'ghonqu, huwa wara jghid li "*Immediately I lost my senses and then I know that I was beaten up, kicked and punched by the other bouncers*". Meraviljozament pero', jghid li seta' jidentifika lill-appellant, avolja dan gie minn warajh. Wara, ghalkemm jghid li huwa intilef minn

[25] Fol. 63
[26] Fol. 64
[27] *Ibid.*

sensieh b'mod immedjat,[28] identifika l-*bouncer* l-iehor u cioe' l-imputat l-iehor Bernard Briffa. Fl-istess nifs, bil-gurament tieghu, Miano mbaghad jghid li ma jiftakarx x'gara "*since I got my senses at Mater Dei Hospital*"[29].

Mhuwiex verosimili li persuna tigi attakkata jew aggredita ghal xejn b'xejn. Il-verzjoni ta' Miano ghandha titqies aktar u aktar mhux kredibbli fid-dawl tal-verzjonijiet konfliggenti li huwa jaghti fix-xhieda guramentata tieghu, kemm quddiem din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta, kif ukoll quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Anke l-verzjoni moghtija mill-allegat vittma l-iehor Di Mauro tirrizulta afflitta minn inkonsistenzi u nuqqasijiet sostanzjali. Quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa jghid li kif tela' t-tarag ra li "*Riccardo was on the floor beaten up by various bouncers, circa 4 in number*". Huwa jkompli jghid li kien kapaci jidentifika lill-imputat l-iehor Bernard Briffa. Jghid imbaghad li wara li staqsieh ghalfejn kienu qed jaghmlulu hekk, wiehed mill-*bouncers* dar fuqu u wiegbu testwalment "*voi italiani siete stronzi*". Biss pero', huwa jikkonferma li lil dan huwa ma rahx fl-ID Parade. **Jghid ukoll li l-istess persuna (li huwa ma gharafx fl-ID Parade) tah daqqa ta' ponn f'wiccu: "*Then this person gave me a punch in the face...*"[30].**

Stranament imbaghad, l-istess Luca Di Mauro, madwar gimghatejn wara l-incident, fl-awla tal-Qorti, bil-gurament tieghu jghid li gharaf il-persuna li ghajjritu '*stronzo*' u li taghtu d-daqqa ta' ponn f'wiccu bhala l-appellant Catania.[31] Ghal xi raguni pero', huwa ma setghax jidentifika lill-istess Catania l-ghada stess tal-incident, meta wiehed jassumi li l-memorja tkun daqsxejn aktar friska. Fil-fatt, *a tempo vergine*, l-allegat vittma jghid li l-appellant Catania gharfu biss meta talabhom johorgu 'l barra.[32] Fil-fatt, din tal-ahhar hija l-istess verzjoni li ta l-appellant Catania kemm fl-istqarrijiet rilaxxati minnu, kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu erba' snin wara.

[28] Fol. 170
[29] *Ibid.*
[30] Fol. 173
[31] Fol. 82
[32] Fol. 173

L-allegati vittmi jghidu wkoll li l-glieda bdiet minn gewwa l-istabbiliment Clique izda din il-verzjoni hija wkoll ribattuta mill-provi migjuba. Anke Miano stess jghid li meta kienu hergin l-appellant semplicement "C*i accompagnati verso fuori*"[33]. Il-manager ta' Clique, Marco Bonnici wkoll jikkonferma li gewwa l-istabbiliment ma nqalghux incidenti u li hu kien hemm il-lejl kollu. Huwa jghid li ma ra ebda incident u gewwa kollox normali kien[34]. Anke Darren Vella tal-*cloakroom* qal li l-unika haga li ra kien li t-Taljani kienu qed jaqalghu il-paroli u li l-appellant u l-imputat l-iehor Briffa "*marru johorguhom 'il barra bil-mod*".[35] Li kieku nqalghet il-glieda li qed jghidu li nqalghet l-allegati vittmi, zgur li l-*manager* kien ikun l-ewwel wiehed li jintebah b'dan sabiex jikkontrolla l-atteggjament fl-istabbiliment tieghu. Dan juri li gewwa l-*club*, l-appellant Catania, jekk xejn, kien semplicement talab lill-vittmi johorgu 'l barra bil-kalma, beda jeskortahom, u ma kien hemm ebda kommozzjoni ta' xejn.

Fix-xhieda tieghu Miano jghid li ntuzat xi arma fuqu.[36] Madankollu, anke dwar dan il-fatt l-allegat vittma jisfa imgiddeb mill-Uffijcal Prosekutur stess li fix-xhieda tieghu jikkonferma li ma rrizultat ebda arma[37]. Di piu', in ri-ezami mid-difensur tal-parte civile, l-Ispettur Sant sahansitra jikkonferma li l-allegati vittmi mkien ma semmewlu li ntuzaw xi armi[38]. F'kull kaz, l-ebda wiehed mill-vittmi ma jsemmi l-uzu ta' xi arma meta xehedu quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Ghal darb'ohra, jirrizulta car li l-verzjonijiet moghtija kemm minn Miano kif ukoll minn Di Mauro huma ghal kollox inkonsistenti, ma jitwemmnux u ghandhom jittiehdu bhala inveritieri u b'hekk favur l-appellant.

L-appellant jissottometti umilment li l-unika haga konsistenti li ngabret bhala prova fil-kors ta' din il-kawza hija proprju x-xhieda moghtija minnu stess.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid l-istess verzjoni li jghid erba' snin wara u cioe' li kien hemm glieda bejn xi nies, li gie xi wiehed Malti ghal fuqu u li mbuttah. Meta mbaghad din il-persuna bdiet ixxejjer bil-ponn, l-appellant iddefenda ruhu u laqa' xi

[33] Fol. 63
[34] Fol. 212-213
[35] Ara xhieda tas-17 ta' Gunju 2013
[36] Fol. 170
[37] Fol. 50
[38] Fol. 56

daqqiet. L-istess appellant jichad li l-glieda bdiet minn Clique, fejn hu kien qieghed.[39] Jichad ukoll li ta xi daqqiet ta' sieq u aktar u aktar li kaxkar lil xi nies. Fil-fatt, anke kif isemmi l-Ispettur Sant fid-depozizzjoni tieghu, l-appellant Catania sa minn dak iz-zmien qal li jekk meta ddefenda ruhu laqghat lil dik il-persuna li mbuttatu, xi persuna Maltija, li ma kinitx wiehed mill-allegati vittmi.[40]

L-appellant umilment jishaq illi l-ebda verzjoni ma hija verosimili aktar minn dik rilaxxata minnu. Huwu hu li jirrakkonta l-fatti kif graw verament u dan jirrizulta mill-assjem tal-provi migjuba. Fl-istqarrija l-appellant kien gie mistoqsi jafx dwar xi glieda ma' Taljani izda r-risposta tieghu kienet: "*Fuq Taljani naf li kien hemm xi wiehed li ried xi gakketta mill-cloakroom tal-Clique*".[41] Huwa evidenti li dan il-punt l-appellant kien ftakru semplicement ghax ftakar li kellhom jeskortaw lill-istess Taljani mill-istabbiliment. Huwa jispjega li dakinhar li nqala' l-incident kienu waslulhom xi lmenti minn xi Maltin li deheru aggressivi u li talbuhom jikkontrollaw lil xi zewg Taljani li kienu fis-sakra, u li kienu qed jisirqulhom id-*drinks* u jaqbdulhom man-nisa.

L-appellant jghid li hu u l-imputat l-iehor Bernard Briffa kienu qed itellghu lil dawn it-Taljani meta gie xi wiehed mill-Maltin ixejjer daqqa minn warajh. Bhal kif jghid fl-istqarrija tieghu erba' snin qabel, huwa jghid li "*dan kien Malti, naf li gie jxejjer xi daqqiet ta' ponn lili, naf illi jiena pruvajt nilqa' u xejjirtlu daqqa*"[42]. Infatti, l-appellant jispjega li huwa kien baqa' fil-parti t'isfel tat-tarag waqt li l-imputat Briffa eskorta lit-Taljani 'il barra. L-appellant Catania jghid li hu kellu jikkontrolla lil dak il-Malti li kien aggressiv u spicca anke hargu 'l barra. Mistoqsi jekk it-Taljani uzawx xi vjolenza l-appellant iwiegeb li l-unika vjolenza li ra minghandhom kienet meta beda wiehed minnhom beda jaghti mal-bieb tal-*cloakroom* oltre li deheru li ma hadux pjacir li kellhom johorgu mill-*club*.

Fix-xhieda tieghu l-imputat Bernard Briffa jispjega kif akkompanja wiehed mit-Taljani, li jghid li kien 'tad-daqna', biex igib il-gakketta. Briffa jghid li "*dak il-hin jiena*

[39] Fol. 12
[40] Fol. 52
[41] Fol. 12
[42] Ara xhieda tat-3 ta' Frar 2014

*kont qieghed ma' dawn it-Taljani...* *u Stephen kien ghajnejh fuq il-Maltin ghax kienu aggressivi..."*[43]. Ikompli jixhed li xi hadd tah daqqa minn wara, u li l-persuna kienet xi persuna Maltija li kienet qed tillitika mat-Taljani izda ma kienx jaf min hi. Jghid ukoll li wara li hareg lil Miano 'l barra, rega' dahal 'l isfel u ghalkemm ra li t-Taljan "*baqa' sejjer biha*" u "*ma qaghdx lura ghax kienu tlieta l-Maltin*", huwa ma nteressahx u "*inzilt 'l isfel*".[44]

Din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni wkoll li l-appellant ma ghandu ebda storja ta' vjolenza. Jekk wiehed ihares lejn il-fedina penali tieghu[45], ghalkemm mhijiex netta, tindika li l-ahhar darba li ccappas mal-gustizzja kienet dwar incident li sehh kwazi disa' (9) snin ilu. Dwar il-bqija, dawn jirreferu biss ghal reati tat-traffiku jew tal-kacca. Dan juri li l-appellant fil-fatt huwa persuna ta' kondotta tajba u mhuwiex ta' allarm jew periklu ghas-socjeta'.

Ghar-ragunijiet kollha hawn fuq spjegati, l-appellant jissottmetti illi l-verzjoni tieghu, kif korroborata mill-ispjegazzjoni ta' Briffa, hija dik li grat verament u ghalhekk l-Ewwel Qorti zblajat meta sabitu hati tat-tieni imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali.

**3. Nuqqas tal-prova ta' *mens rea* ghas-sejbien ta' htija taht it-tieni imputazzjoni**

Minn imkien ma jirrizulta xi intenzjoni li l-appellant seta' kellu li jikkaguna offiza fil-konfront tal-allegati vittmi. L-unika intenzjoni li setghet tirrizulta mill-assjem tal-provi, hija intenzjoni ta' legittima difesa fil-konfront ta' xi Maltin li kienu qeghdin ikunu aggressivi fil-konfront tal-appellant u ta' nies ohra.

Il-Qrati taghna jghallmu li ghas-sejbien ta' htija ta' offiza gravi, jehtieg li tigi pprovata l-intenzjoni specifika tal-imputat li ried jikkaguna wahda minn dawk il-konsegwenzi kif espressament kontemplati fil-ligi taht l-artikoli 216 jew 218 rispettivament.

Dwar dan il-punt l-Antolisei jghid hekk:

---

[43] Ara xhieda tas-17 ta' Gunju 2013
[44] *Ibid.*
[45] Fol. 20-21

*Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona colpreciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso.*

*[omissis]*

*Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravissima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*[46]

Fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** (App. Krim. 16.10.2003) il-Qorti ticcita lill-istess Antonilsei u tabbraccja dan il-principju:

*Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe` li jista' jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche` jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.*

F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni mhux biss naqset milli tipprova n-ness bejn l-*actus reus* tal-offiza gravi (u cioe' t-tieni imputazzjoni kif ridotta mill-Avukat Generali) u l-appellant, izda wisq aktar naqset li tipprova l-element formali jew intenzjonali ghall-finijiet imbaghad tal-ewwel imputazzjoni kif ridotta, u dan peress ma hemm xejn x'jindika li kienet tezisti l-*mens rea* specifika necessarja ghall-offiza gravi.

L-Ewwel Qorti ghalhekk ma kelliex ragun issib lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni anke peress li l-unika intenzjoni li setghet irrizulta mill-assjem tal-provi, kienet dik tal-appellant li jiddefendi ruhu minn xi pajsana Maltin li kienu fl-istabbiliment.

Huwa minnu li f'kazijiet ta' offizi fuq il-persuna mhuwiex mehtieg li l-imputat ikollu l-intenzjoni specifika li jikkaguna l-feriti li effettivament hu u jkun ikkaguna, izda huwa mehtieg biss *animu nocendi* generiku.

[46] *Antolisei, Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I, p.79*

F'dan il-kaz pero', il-prosekuzzjoni, oltre li qatt ma gabet prova li l-appellant kien b'xi mod involut fl-incident, aktar u aktar qatt ma waslet biex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali l-intenzjoni tal-istess appellant li jwegga' lill-allegati vittmi.

L-appellant m'ghandux ghalfejn jelabora wisq dwar kif bin-nuqqas ta' dan l-element formali ma jistax jirrizulta d-delitt.

Kif gja' inghad, mill-provi jirrizulta li l-appellant mhux biss m'ghamilx hu stess l-att tad-delitt, izda ma riedux u sahansitra pprova jipprevjeni l-inkwiet meta talab lill-allegati vittmi johorgu mill-istabbiliment u prova jwaqqaf lill-Maltin milli jaggreduhom. Ghalhekk, ma tirrizultax xi intenzjoni negattiva, jew intenzjoni pozittiva indiretta u wisq anqas intenzjoni diretta tal-appellant.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tghallem li "l-*intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu ... il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent …* (**Pulizija vs Kevin Sammut (VDG 192/2008) 23.01.2009**). "*Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li …[sehh]… l-att*" (**Repubblika ta' Malta vs John Polidano et, 12.12.2007**). Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi (App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001)**, il-Qorti tal-Appell tghallem li "*huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li ... [l-imputati]..., intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni*".

Fi ftit kliem, it-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta mhux biss minhabba l-assenza assoluta tal-konnessjoni bejn l-appellant u l-att materjali, izda minhabba n-nuqqas ta' prova dwar "*din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta*".[47]

L-appellant ghalhekk jissottometti, bla hsara ghas-suespost, illi l-prosekuzzjoni naqset ghal kollox li ggib il-prova rikjesta tal-element intenzjonali tal-appellant. Dan mhux biss peress li jirrizulta li l-istess appellant ma kienx involut fl-allegat incident, izda anke peress li jekk xejn, l-unika prova ta' volonta' tal-appellant li l-pulizija rnexxilha tigbor (sahansitra anke minghand l-allegati vittmi), kienet li hu pprova jevita l-inkwiet ma' xi pajzana Maltin u talab lill-allegati vittmi, li gew certifikati serjament intossikati, johorgu 'l barra mill-istabbiliment ta' divertiment. Ghal din ir-raguni wkoll, l-appellant ma seta' qatt jinstab hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontrih.

**<u>4. Nuqqas ta' applikabilita' tal-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali u prova mhux sal-grad rikjest mil-ligi</u>**

Mhuwiex bizzejjed li l-Ewwel Qorti tghid li, in mankanza tal-identifikazzjoni tal-aggressur specifiku, gjaladarba skond hi, l-appellant kien involut, ghandu jwiegeb a tenur tal-artikolu 237 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Meta fi ġlieda aċċidentali xi ħadd jibqa' maqtul jew offiż fuq il-persuna, u ma jinsabx min kien l-awtur tal-omiċidju jew taloffiża, kull wieħed li jkun ħa parti attiva kontra l-maqtul jew loffiż, jeħel, meta jinsab ħati -*

*[omissis]*

*(ċ) fil-każ ta' offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur;*

L-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali ma jissostitwix l-oneru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li jigi identifikat l-aggressur ghall-finijiet ta' offiza fuq il-persuna. F'dan il-kaz, l-Ewwel Qorti b'kull dovut rispett, ma kellhiex f'idejha provi li setghu

[47] Pulizija v Marco Farrugia et, 31.05.2001 (App. Krim. Inf.)

jwassluha ghac-certezza li l-appellant kien involut fi glieda u li kkaguna xi tip ta' offiza fuq l-allegati vittmi u dan fil-grad rikjesta fil-kamp penali.

Ghaldaqstant, l-appellant ghal din ir-raguni wkoll, jitlob li jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jirrileva huwa ma setghax jinstab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih peress li l-provi migjuba ma jissodisfawx ir-rekwizit essenzjali tal-oneru tal-prova fil-kamp penali. Huwa evidenti mis-suespost, li hemm provi dwar in-nuqqas ta' partecipazzjoni tal-appellant fl-allegat incident. Aktar minn hekk, ma jirrizultaw ebda provi dwar xi element intenzjonali tal-istess appellant.

Huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"* (**Pulizija vs Paolo Farrugia,** App. Krim. (inf.), 1.8.1959) u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"* (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (App. Krim. (superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (App. Krim. (superjuri) 5.7.2002)).

Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz jezistu dubji serjissimi dwar il-kredibilita' tax-xhieda Miano u Di Mauro. Inoltre, b'kull dovut rispett, kien hemm nuqqasijiet kbar da parti tal-prosekuzzjoni, kemm ghal dik li kienet il-procedura tal-ID Parade, kif ukoll ghan-nuqqas ta' produzzjoni tax-xhud McDougall b'mod immedjat. Jekk xejn ukoll, jezistu provi konfliggenti ghall-ahhar u kif inhu risaput, *in dubio pro reo.*

Ghaldaqstant, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu li inghad, ghal din ir-raguni wkoll l-appellant jitlob li din il-Qorti tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**5. L-Ewwel Qorti ma qisitx li ma ngibitx il-prova ta' appell sabiex tiddetermina l-validita' ta' licenzja tal-appellant**

Skond ix-xhieda ta' WPC Maureen Tarpey l-appellant kien applika ghal-licenzja ta' security fit-30 ta' Dicembru 2009[48] u kien biss meta dawn il-proceduri kienu

[48] Fol. 351

ghaddejjin li l-Kummissarju tal-Pulizija baghat ir-*refusal* lill-istess appellant. F'kull kaz, il-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-icken prova dwar jekk l-appellant appellax jew le d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kif jipprovdi l-**Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk ma hemmx certezza jekk dik il-licenzja effettivament nghatatx b'effett retroattiv ghaz-zmien mertu tal-imputazzjoni.

F'kull kaz, Ronald Axisa fix-xhieda tieghu jispjega li fl-istabbiliment ta' Clique huwa jipprovdi servizzi ta' *customer care* u fil-fatt, kemm l-appellant Catania kif ukoll il-ko-imputat l-iehor Briffa kienu impjegati mas-socjeta' Care Bear Securities li oltre xoghol ta' security services f'postijiet bhal kif inhuma Lidl Supermarket, McDonald's u ohrajn, toffri wkoll servizzi ta' *customer care* f'postijiet ta' divertiment f'Paceville, bhal kif inhu l-kaz ta' l-appellant.

Ghaldaqstant, l-appellant jissottometti illi lanqas ir-raba' imputazzjoni dedotta kontrih ma tista' tirrizulta fil-konfront tieghu.

**<u>6. F'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena ta' prigunerija effettiva mhijiex idonea fic-cirkostanzi</u>**

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ewwel Qorti kellha f'idejha l-ghodda taht l-artikolu 28A ta-Kodici Kriminali jew ahjar ordni taht l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minkejja dan, l-Ewwel Qorti ddecidiet li tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva meta l-appellant huwa bniedem li ilu zmien twil ma jiccappas mal-Qorti u li f'kull kaz kien involut f'kazijiet li m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-imputazzjonijiet dedotti kontrih f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgboha, fin-nuqqas li thassar is-sentenza appellata, tirriformaha u tvarja l-piena inflitta u tapplika piena taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jew taht l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-appellanti Stephen Catania essenzjalment imsejjes fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti u dan billi jidhirlu illi ma kienx hemm provi fl-atti li jindikaw illi hu kien wiehed mill-aggressuri f'dan l-event kriminuz. Dan iktar u iktar meta l-uniku xhud okulari ghal dan l-incident certu Nicky McDougall li qatt ma ingiebet tixhed mill-Prosekuzzjoni billi din ma setatx tigi rintraccjata, jirrizulta illi dina l-aggressjoni kellha il-bidu taghha fl-istabbiliment 'Steam' u mhux 'Clique' u li z-zewg guvintur gew aggrediti mis-*security* ta' dak l-istabbiliment u mhux tal-'Clique' fejn kien impjegat l-appellanti flimkien ma' Bernard Briffa, l-ko-akkuzat. Illi di piu' il-pulizija akkuzaw lill-appellanti u lil Briffa b'din l-aggressjoni billi dawn it-tnejn gew identifikati mill-vittmi f'*Identification Parade* meta kien jirrizulta illi kien hemm pluralita ta' aggressuri involuti f'dan l-incident. L-appellanti lanqas ma jigi identifikat fl-ebda wiehed mill-filmati CCTV elevati mill-pulizija u esebieti in atti. L-Ewwel Qorti, jishaq, ma setghet qatt tistrieh fuq l-identifikazzjoni maghmula mill-vittmi u dan billi dawn kienu serjament intossikati, kien hemm inkonsistenza fix-xhieda taghhom, in-numru kbir ta' nies fl-istabbiliment fil-hin tal-aggressjoni u l-appellanti kien l-uniku bniedem li raw fil-vicin meta huwa skorthom 'il barra mill-istabbiliment, fost diversi fatturi ohra li huwa jindika fir-rikors tieghu ta'l-appell. Dan apparti l-fatt illi l-principji enuncjati mill-qrati penali dwar kif ghandha issir *identification parade* ma gewx osservati u allura tali identifikazzjoni ma ghandhiex ikollha valur probatorju. Jilmenta ukoll illi hemm inkonsistenza fix-xhieda tal-allegati vittmi innifishom. Kollha dawn l-aggravvji marbuta mal-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti meta giet biex issib htija fil-konfront tieghu ghar-reat tal-offiza gravi.

Ikkunsidrat,

Illi jibda biex jinghad illi gie mistqarr diversi drabi mill-qrati taghna, illi qorti ta' revizjoni qajla ghandha tqanqal l-apprezzament li jkun gie maghmul mill-Ewwel Qorti hlief meta jirrizultalha illi tali apprezament ikun wiehed erronji kemm fuq bazi legali kif ukoll fuq bazi fattwali u cioe' meta l-gudikant li f'idejh huwa rimess il-gudizzju ma setax la ragjonevolment u lanqas legalment jasal biex jaghmel tali apprezament. Illi huwa biss f'dawn ic-cirkostanzi illi din il-Qorti allura ghandha

tiddisturba tali apprezzament. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[49]"

Issa meta wiehed ighasar l-lanjanzi ventilati mill-appellanti ghar-rigward ta'l-apprezzament li gie maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi, fejn allura sabet lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-appellanti kien wiehed mill-aggressuri involuti fis-sinistru mertu tal-kaz, ghandu johrog illi l-ilment tieghu huwa wiehed u uniku u cioe' illi fil-fehma tieghu dan l-apprezzament kien wiehed erronju billi ma kienx hemm provi li setghu jindikaw illi huwa kien b'xi mod involut fil-glieda fejn spiccaw feruti l-parti leza. Issa ghalkemm l-appellanti fl-ewwel aggravvju minnu intentat jilmenta illi ix-xhud okulari McDougall, li qatt ma tressqet tixhed fil-Qorti, kienet stqarret mal-pulizija illi l-incident kien ra t-twelid tieghu gewwa l-istabbiliment 'Steam' u li z-zaghzagh gew aggrediti mill-*bouncers* ta' dan l-istabbiliment biex allura jipprova jezonera ruhu mill-involviment tieghu, madanakollu huwa l-istess appellanti li meta jixhed fil-Qorti (billi fl-istqarrija jipprezenta stampa differenti) jammetti illi huwa fil-fatt kien gie in kuntatt ma' dawn iz-zewg zghazagh taljani Miano u Di Mauro meta flimkien ma' Briffa skorthom 'il barra mill-istabbiliment fejn kien jahdem u cioe' minn gewwa l-'Clique' billi dehrlu li dawn kienu ser jaqilghu l-inkwiet fl-istabbiliment u dan meta jibdew jilmentaw mieghu xi kljienti Maltin li jghidulu li dawn iz-zghazagh kienu qed idejjquhom. Tant hu minnu li dawn iz-zewg taljani kienu jinsabu gewwa l-'Clique' fil-mument tal-incident u mhux gewwa l-'iSteam' kif allegat, illi anke Darren Vella li kien impjegat gewwa l-*cloakroom* jikkonferma illi kien gie wiehed mit-taljani ghal gkieket tieghu u ta' siehbu li ma setax isib il-biljett u billi hu insista mieghu li ried dan il-biljett dawn it-tnejn regghu dahhlu fl-istabbiliment biex isibuh, izda gew iktar tard u riedu jehduhom bil-forza izda l-appellanti u siehbu Briffa zammewhom milli jaghmlu dan. Dan kollu ifisser allura illi iz-zewg taljani kienu jinstabu fl-istabbilment tal-'Clique' u gew in kuntatt kemm mal-appellanti kif ukoll mal-ko-akkuzat Briffa li bdew jipprovaw irazznu l-imgieba taghhom, ghalkemm l-appellanti u siehbu ma jaqqblux

---

[49] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

fil-verzjoni moghtija minnhom dwar dak li wassalhom biex jeskortaw lil dawn iz-zewg taljani 'il barra. Dan ifisser allura illi gustament l-Ewwel Qorti wasslet ghal konkluzjoni illi l-appellanti kien wiehed minn nies involuti fl-aggressjoni billi mhux biss kien prezenti fil-post fejn sehhet l-konfrontazzjoni, izda ukoll jidher illi kien involut direttament meta beda jipprova irazzan lil dawn iz-zewg taljani biex johroghom 'il barra mill-istabbiliment.

Dak imbaghad li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex issib reita fl-appellanti kien il-fatt illi saret identifikazzjoni mill-vittmi u dan meta saret l-*identification parade* mill-Inkwirenti. L-appellanti jishaq illi kien hemm diversi fatturi li jinnewtralizzaw din l-identifikazzjoni, fosthom li z-zaghzagh fil-kommozzjoni fejn kienu involuti diversi nies u fl-istat ta' sokor li kienu jinstabu fih difficilment setghu jippuntaw subajghhom lejh. Dan apparti ragunijiet ohra ta' natura legali dwar il-mod kif saret dina l-parata.

Illi sfortunatament, il-ligi taghna ma tirregolax il-mod kif ghandha issir *identification parade* ghajr ghal fatt illi din trid issir quddiem Magistrat u dan kif imfassal fl-artikolu 74 tal-Kap.164 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma tispecifikax per ezempju n-numru ta' persuni li ghandhom jiehdu sehem f'din il-parata, jekk din ghandhiex necessarjament issir bil-presenza fizika tal-persuni li jiehdu sehem fil-parata jew inkella permezz ta' sett ta' ritratti. Il-ligi Ingliza tirregola l-modalitajiet ta' kif ghandha issir din il-parata b'mod dettaljat tant illi sahansitra l-persuna suspettata fil-presenza ta'l-avukat tieghu ghandu jinghata dettalji dwar id-deskrizzjoni li x-xhud okulari jkun ghadda lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet[50]. Kif inghad izda il-ligi taghna dan kollu ma tirregolahx biex b'hekk l-unika regola li ghandha thares il-Qorti meta tigi biex tqies jekk dik il-parata tkunx wahda regolari, kif diversi drabi ribadit fil-gurisprudenza, hija li tara jekk ittehdux il-prekawzzjonijiet kollha sabiex jigi evitat li issir "*a miscarriage of justice*".

Fuq kollox l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi:

"*Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost*

[50] PACE Code D Annex B – Identification parades. www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/592562/pace-code-d-2017.pdf

*persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja."*

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti. Meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati .... Dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li* <u>*l-Gudikant tal-fatt*</u> *ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni."*[51] (sottolinjar tal-Qorti)

Issa minn ezami tal-atti tal-parati ta' identifikazzjoni li saru mill-Inkwirenti ghandu johrog illi taht idejhom il-pulizija kellhom diversi suspettati u mhux biss iz-zewg akkuzati. Dawn kienu *security guards* ohra li kienu prezenti dak in-nhar ta'l-incident u li kienu impjegati mhux biss mal-'Clique', izda ukoll ma'stabbilimenti ohra fosthom allura l-istabbiliment 'Steam'. Jidher illi saru erbatax-il parata fejn hadu sehem, apparti z-zewg akkuzati Catania u Briffa, *bouncers* ohra u cioe' Diego Micallef, Alan Saidon, Marco Bonnici, Neville Agius, Stephen Bonsfield, Mario Farrugia, Michael Mangion, Keith Galea u Raymond Teeling. F'dawn il-*line-ups*, (b'kollox erbatax) hadu sehem ukoll diversi ufficjali tal-pulizija fejn il-persuni involuti (disa' persuni f'kull wahda), kienu kollha lebsin l-istess abbiljament konsistenti f'*boiler suit*. Din il-parata saret fil-15 ta' Frar 2010 u cioe' hamest ijiem wara l-incident. Illi minn nies kollha li hadu sehem f'dawn il-*line-ups*, l-allegati vittmi identifikaw (b'mod separat) biss lill-appellanti u lil Bernard Briffa. Jidher mix-xhieda tat-taljani illi huma kellhom fil-vista taghhom kemm qabel l-incident kif ukoll

[51] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) - Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) ; ara ukoll Appell Kriminali – Il-Pulizija vs. Massimo Caruso, deciza fis-17 ta' Marzu 2008

matul l-incident kemm lill-appellanti kif ukoll lil Bernard Briffa fejn dawn it-tnejn ighidu li aggredewhom flimkien ma' ohrajn li madanakollu ma setghux jidentifikaw. Sahansitra anke wara l-incident wiehed minnhom u cioe' Luca Di Mauro baqa' izomm lill-akkuzati fil-vizwali tieghu billi isostni illi kienu tnejn minn nies li kaxxkru lilu u lil siehbu lejn l-istabbiliment Hugo's fejn hemmhekk telquhom feruti.

Dan ifisser allura illi l-Ewwel Qorti legalment u fattwalment setghet tistrieh fuq l-identifikazzjoni maghmula minn dawn it-tnejn minn nies ghaliex l-appellanti u l-ko-akkuzat tieghu kienu t-tnejn minn nies involuti direttament f'dan l-incident, kif inghad, kemm qabel ma inqalghet il-kolluzzjoni, kemm fil-waqt taghha, kif ukoll wara biex b'hekk il-vittmi taghhom setghu facilment jidentifikawhom ghalkemm jidher illi kien hemm nies ohra li involvew rwiehom f'dina l-aggressjoni sabiex jaghtu lill-appellanti u lil siehbu daqqa t'id! Il-fatt li dawn iz-zewg taljani setghu kienu xurbana ma ifissirx illi dawn ma kenux f'sensiehom ghalkemm is-sensi taghhom setghu kienu inibiti minhabba f'dan il-fatt. Illi madanakollu li kieku dan kien il-kaz meta, xi ftit jiem wara,ipprezentati quddiemhom diversi nies, fosthom numru li kienu prezenti fuq ix-xena tas-sinistru f'dik il-lejla, kienu juru titubanza jew inkella addirttura jitfixxklu b'wiehed jindika persuna u l-iehor jindika ohra. Izda dan ma sehhx u ghalkemm l-parti leza ma kienux jafu lill-aggressuri taghhom qabel l-incident, it-tnejn li huma b'mod separat kienu kapaci jidentifikaw l-istess zewg persuni fid-diversi *line-ups* li saru. Din il-Qorti ghalhekk ma issib l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-fehma ghaqlija milhuqa mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex huwa indubitat illi iz-zewg taljani Di Mauro u Miano kienu involuti f'aggressjoni billi sofrew diversi griehi kif jirrizulta mix-xhieda tad-diversi tobba li ikkurawhom. Dawn il-griehi kienu kollha kompatibbli ma' daqqiet bis-sahha konsistenti fi ksur, abrazjonijiet, tbengil fost ohrajn, griehi li jindikaw kollha li sehhet aggressjoni bil-forza. Ta' min jinnota illi l-appellanti ighid fix-xhieda tieghu illi lil dawn it-taljani fl-ebda hin ma rahom qed jzuaw xi vjolenza fil-konfront ta' xi persuni. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi sehhet konfrontazzjoni bejn dawn iz-zewg taljani u l-appellanti u siehbu Briffa li bdew jippruvaw johorgu lil dawn iz-zewg zghazagh mill-istabbiliment fejn kienu jahdmu bhala *security guards* jew kif inhuma maghrufa *bouncers*, meta dawn gieghluhom jitilqu mill-post. Illi ma hemmx dubbju

lanqas illi l-incident sehh gewwa l-istabbiliment 'Clique' billi it-taljani fl-ebda hin ma ighidu li marru gewwa l-istabbiliment 'Steam' u isemmu biss li qabel ma' irhewlha lejn 'Clique' huma kienu jinsabu gewwa l-sitabbiliment 'Fuego'. Dawn iz-zewg taljani jidentifikaw it-tnejn li huma b'mod separat meta issir l-*identification parade*, lill-appellanti u lill-ko-akkuzat l-iehor Briffa u ma jidentifikawx lill-*bouncers* l-ohra li ukoll hadu sehsm fl-*identification parade*. Illi sewwa ghamlet allura l-Ewwel Qorti meta tat piz lix-xhieda tal-parti leza u mhux lil dik ta'l-appellanti u ghalhekk l-aggravvju marbut ma'l-apprezzament tal-provi qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti iressaq lanjanza ohra sussidjarja ghal dik marbuta mal-apprezzament tal-provi meta jilmenta illi ma hemmx prova illi huwa kellu l-*mens rea* mehtiega skont il-ligi biex jissussisti r-reat tal-offiza gravi billi huwa kien qieghed jagixxi biex iwiegeb ghall-aggressjoni subita minnu minn xi Maltin injoti. Illi ghalkemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija ma'l-arrest tieghu, l-appellanti jikkontendi li hu kien gie aggredit minn xi persuna injota u li hu kellu iwiegeb ghal din l-agressjoni fejn ma jafx jekk kienx hemm taljani involuti, meta jiddeponi fil-qorti imbaghad jaghti verzjoni kemmxejn differenti fejn hu jallega illi indahal meta fuq talba ta' Briffa il-ko-akkuzat l-iehor huwa dahal fl-istabbiliment biex ighinu johorg xi taljani 'il barra li kienu qed joholqu xi inkwiet. F'din ix-xhieda isemmi li kien hemm xi klijenti Maltin li riedu jahbtu ghat-taljani izda li hu irnexxielu irazzanhom. Izid ighid li wiehed mill-maltin fajjarlu daqqa f'hin minnhom waqt li Briffa kien hiereg 'il barra bit-taljani. Ighid illi dan baqa' isawwtu meta imbaghad wasslu xi *bouncers* ohra biex jassistuh u hu fl-ebda hin ma ra lit-taljani juzaw xi vjolenza. Illi l-Qorti tistqarr bhall-Ewwel Qorti qabilha illi lill-appellanti ghar-ragunijiet hawn fuq esposti ma temmnux. Kwindi lanqas tista' temmnu meta ighid illi huwa kien biss involut f'aggressjoni ma' xi Maltin li aggredewh u bdew isawwtuh meta lanqas certifikat mediku wiehed ma jipproduci li jista' jikkonforta t-tezi tieghu.

Illi finalment dwar l-aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti li jikkoncerna l-applikabbilita ta'l-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali mill-Ewwel Qorti, jinghad minnufih illi din il-lanjanza ma tistax tigi akkolta billi kif inghad huwa ben ippruvat

illi l-appellanti kien wiehed mill-persuni involuti fl-aggressjoni li wasslet ghal dan l-event kriminuz.

Jifdal biex jigu trattati l-ahhar zewg aggravvji, wiehed marbut mas-sejbien ta' htija ghar-reat ikkontemplat fil-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u l-iehor marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi l-appellanti jikkontendi illi huwa kien applika ghal-licenjza mal-Kummissarju tal-Pulizija biex jagixxi bhala *security* fit-30 ta' Dicembru 2009. Din l-applikazzjoni giet irrifjutata mill-Kummissarju fil-mori ta' dan il-kaz. Jishaq ghalhekk illi gjaldarba ma saritx il-prova mill-Prosekuzzjoni jekk huwa appellax minn din id-decizjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fit-termini ta'l-artikolu 11(3) ta'l-Att, allura l-akkuza ma tistax tirrizulta ippruvata, oltre ghal fatt illi Ronald Axisa xehed illi l-appellanti jipprovdi servizzi ta' *customer care* u mhux ta' *security* fl-istabbiliment u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ghal din il-licenzja. Illi ibda biex ix-xhieda ta' Axisa ma tistax titwemmen. Dan ghaliex mill-agir ta'l-appellanti f'dan l-incident ghandu johrog illi huwa kien qed jipprovdi servizzi bhala *security guard* u mhux *customer care* billi jidher illi l-manzjonijiet tieghu fl-istabbiliment kienu li jipprovdi l-ordni u mhux li jassisti lill-klijenti. Dan ifisser allura illi sabiex jaghmel dan ix-xoghol kien jenhtieg li ikollu licenzja valida mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-termini ta' dak li jipprovdi il-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi gie ampjament ippruvat illi fil-jum tal-incident l-appellanti ma kellux tali licenjza billi l-applikazzjoni li hu kien issottometta fit-30 ta' Gunju 2009 kienet ghadha pendenti. Kwindi hu ma setax jaghmel dan ix-xoghol qabel ma tinkiseb tali licenzja. Dan ifisser illi l-akkuza tirrizulta ippruvat u dan l-aggravvju ukoll qed jigi rigettat.

Illi fir-rigward tal-piena ta' xahrejn prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti flimkien ma' multa ta' elf ewro, l-appellanti jidher li qed jilmenta mhux daqstant mill-*quantum* tal-piena izda mill-fatt illi l-Ewwel Qorti kellha tikkomina piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva. Illi ghalkemm din il-Qorti tistqarr illi l-piena erogata kienet wahda gusta u fil-parametri tal-ligi, madanakollu ma tistax tinjora is-*social enquiry report* imhejji f'dan l-istadju ta' revizjoni mill-Ufficjal tal-Probation

Dorian Cornelius. Jidher illi l-appellanti huwa afflitt minn zewg problemi ewlenien. Illi fl-ewwel lok jidher illi ghandu problema ta' rabbja kbira gewwa fih li hemm bzonn li jindirizzaha u ukoll illi ghalkemm huwa kellu sas-sena 2014, problema serja ta' vizzju ta' droga li kien indirizzaha u ghelibha, madanakollu jidher illi huwa xortawahda ghadu okkazzjonalment jabbuza mid-droga kokajina. L-Ufficjal tal-Probation jikkonkludi hekk:

"L-imputat ghandu jwaqqaf l-abbuz tad-droga kif ukoll jiehu l-ghajnuna sabiex ikun jista jikkontrolla r-rabja tieghu biex dan ikun ta' ghajnuna ghalih sabiex ikun jista' itejjeb hajjtu u ma jkunx involut f'xi reat iehor."

Illi tenut kont ta' din ir-rakkomandazzjoni, ghalkemm jerga jigi ribadit illi l-piena erogata kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, madanakollu billi l-inkarcerazzjoni ghal terminu qasir ma hijiex ser toffri l-ghajnuna li l-appellanti ghandu bzonn ghar-riforma tieghu, u biex jigi evitat ir-ripetizzjoni ta' reati simili, l-Qorti ser tbiddel it-terminu ta' inkarcerazzjoni f'perijodu ta' probation fil-massimu tieghu biex b'hekk l-appellanti jinghata l-ghajnuna li jenhtieg.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-mertu u cioe' fejn l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellanti mill-ewwel imputazzjoni u sabitu hati tal-kumplament, tirriforma l-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-appellanti taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum bil-kundizzjoni li huwa jinghata l-ghajnuna psikologika li ghandu bzonn u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €1000.

Il-Qorti twissi lill-appellanti bil-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' Probation jew jekk jonqos milli joqghod ghall-Ordni imposta fuqu illum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat REgistratur